2026/1113

26.5.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1113

tat-22 ta' Mejju 2026

li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/362 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tas-cypermethrin għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) Is-cypermethrin ġiet approvata bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 945/2013 ([2]), soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

(2) L-approvazzjoni tas-cypermethrin għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 ("l-approvazzjoni") kellha tiskadi fil-31 ta' Mejju 2025. Fl-24 ta' Novembru 2023, ġiet sottomessa applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/362 ([3]) ipposponiet id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni għat-30 ta' Novembru 2027, sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-eżami tal-applikazzjonijiet għat-tiġdid.

(4) Madankollu, fil-21 ta' Mejju 2025, l-applikant li ssottemetta l-applikazzjoni informa lill-Kummissjoni li rtira l-applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni. Għaldaqstant, peress li ma ġiex stabbilit li ċ-ċipermetrina għadha tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1112 ([4]) ma ġedditx l-approvazzjoni. Għalhekk, huwa xieraq li titħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/362 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tas-cypermethrin għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 8.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/362 titħassar.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 945/2013 tat-2 ta' Ottubru 2013 li japprova s-cypermethrin bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 8 (ĠU L 261, 3.10.2013, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/945/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/362 tal-21 ta' Frar 2025 li tipposponi l-iskadenza tal-approvazzjoni tas-cypermethrin għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2025/362, 24.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/362/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1112 tat-22 ta' Mejju 2026 li ma ġġeddidx l-approvazzjoni tas-cypermethrin għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2026/1112, 26.5.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/1112/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Mejju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN